MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 696/1996/1

**Joseph u Evelyn konjugi Vella Brincat**

**Vs**

**Hal Mann Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fl-1 ta' Marzu 1996 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur ikkuntratta mas-socjeta` konvenuta ghall-fornitura ta' madum u materjal iehor ghall-art u ghat-tarag fil-fond li jgib in-numru erba' mija u hamsa u sebghin (475), Triq Dun Amabile Sisner, f' Pembroke kif ukoll diversi xoghlijiet ta' tqeghid u xoghlijiet ohrajn skond kif deskritti fl-anness skrittura immarkata Dokument "A" li

tinkludi wkoll “Schedule A” u kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni;

U premess ukoll li l-materjal gie fornut u mqieghed fil-fond imsemmi u l-attur hallas akkont ta’ tlett elef erba’ mija u tmienja u tmenin lira (Lm3488) skond kif jidher ahjar mill-anness Dokument immarkat Dok. “B”;

U premess li wara li tlestew ix-xoghlijiet, avveraw diversi difetti fil-madum u fil-materjal, konsistenti f’ toqob, “*flaking* u *discolouration*” kif ukoll difetti ohrajn li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni;

U premess li dawn id-difetti jrendu l-materjal fornut mhux tajjeb ghall-uzu ghalih mahsub u li ghalhekk ma kienx jigi accettat u akkwistat mill-attur kieku kien konsapevoli b’ dawn id-difetti;

U premess li s-socjeta` konvenuta ma rnexxielhiex tirrimedja dawn id-difetti;

U premess li s-socjeta` konvenuta naqset li tadempixxi l-obbligazzjonijet taghha skond il-ftehim hawn fuq riferit;

U premess ukoll li l-attur informa lis-socjeta` konvenuta bl-ilmenti tieghu b’ ittra datata il-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Novembru tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u disghin (1995), li kopja taghha hi hawn annessa Dok. “C”;

U premess li minhabba dawn id-difetti, l-atturi qeghdin ibaghtu dannu u pregudizzju kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

U premess li s-socjeta` konvenuta qed tirrifjuta li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi kif ukoll li tirrifondi s-somma lilha mhallsa bhala akkont nonostante interpellazzjoni;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-madum u l-materjal iehor fornut minnha lill-attur u mqieghed fl-art u fit-tarag tal-fond numru 475 fi Triq Dun Amabile Sisner, Pembroke, skond il-ftehim Dokument “A” u “B” kien difettuz u/jew ta’ kwalita` inferjuri;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li d-difetti u nuqqasijiet li avveraw fil-materjal u fix-xoghlijiet fuq riferiti huma imputabbli lis-socjeta` konvenuta;

3. Tordna ir-rexissjoni tal-ftehim hawn fuq imsemmi bejn il-kontendenti;

4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li tirrifondi lill-atturi s-somma minnhom imhallsa akkont Lm3488 flimkien ma’ l-imghaxijiet legali u tirriprendi l-materjal fornit a spejjez taghha, okkorrendo b’ supervizjoni ta’ Perit nominand;

5. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba in-nuqqasijiet tas-socjeta` konvenuta;

6. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez - inkluzi dawk tar-risposta ghall-ittra ufficcjali - kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, ipprezentata fl-10 ta’ Gunju 1996 u li fiha eccepiet:-

1. Preliminarjament, l-improponibilita` ta’ l-azzjoni kif impostata;

2. Illi, fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u d-dritt billi s-socjeta`

eccipjenti wettqet l-obbligi taghha taht il-kuntratt u kkonsenjat il-materjal tal-kwalita` miftehma ma' l-atturi;

3. Salvi eccezzjonijiet ohrajn;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet ta1-10 ta' Marzu 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku l-AIC David Pace sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert nominat li tinsab a fol 73 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2005;

Rat ir-risposti bil-miktub ta' l-espert relaturipprezentati fid-19 ta' Mejju 2006 ghad-domandi ta' l-atturi;

Rat l-affidivat ipprezentat u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura;

Rat in-nota ta' kritika tas-socjeta` konvenuta ntavolata fit-2 ta' Ottubru 2006, u n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ta' l-atturi ipprezentata fis-6 ta' Dicembru 2006;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni ta' l-atturi hi wahda tendenti ghar-rexxissjoni ta' kuntratti ta' ftehim, rispettivament datati 3 ta' April 1995 (fol. 5 sa fol. 10) u 4 ta' Lulju 1995 (fol. 11) ghal fornitura u tqeghid ta' madum fil-fond ta' l-atturi f' Pembroke. Skond

l-ewwel ftehim, il-madum tat-tip APSR u PC6 kien intiz ghall-ambjenti ta' isfel u ta' fuq mentri bit-tieni wiehed il-madum tat-tip APSR kien mahsub ghat-tarag. Ix-xoghlijiet jidhru li gew ezegwiti fil-kors tas-sajf ta' l-1995 u fir-rigward taghhom is-socjeta` konvenuta qeghda tippretendi, b' azzjoni separata fl-ismijiet invertiti (Citazz. Nru. 456/96) il-hlas tal-bilanci dovuti. Invece bl-azzjoni prezenti l-atturi qed jippretendu l-hall tal-kuntratti fuq il-premessa ta' l-ezistenza ta' difetti kemm fil-materjal supplit kif ukoll fl-ezekuzzjoni tat-tqeghid ta' l-istess materjal. Kif kien hekk logiku l-Qorti innominat espert tekniku biex jassistiha fl-istharrig u verifika tad-difetti lamentati;

B' ri-epilogu ta' l-accertamenti minnu maghmula l-perit tekniku sab bhala konstatazzjoni ta' fatt illi:-

(i) jezistu difetti fil-madum tat-tip APSR imqieghed madwar is-sular ta' isfel u fil-pjan ta' fuq, indikattiv ta' vizzju fil-manifattura ta' l-istess madum (para. 12 tar-rapport);

(ii) fil-kaz tal-madum tat-tip PC6 jezistu sfumaturi, ossija bdil ta' kulur fil-mastik ta' dan il-madum. Tali difett hu lokalizzat fl-ambjenti tal-kamra ta' barra u fejn it-tarag tal-bejt;

(iii) fir-riward tal-madum APSR imqieghed fit-tarag il-perit relatur sab li r-rizultanzi ma kienux sufficjenti biex jipprovaw ir-responsabilita` tas-socjeta` konvenuta. Huwa bbaza ruhu principalment fuq l-osservazzjoni illi l-istess atturi ma rrilevaw ebda difetti ta' sustanza fih;

Fuq dawn l-accertamenti tieghu l-perit irrelata koncizament fis-sens illi:-

(1) fir-rigward tal-madum indikat f' punt (i) *supra* dan ghandu jinqala' kollu u rimpjazzat a spejjez tas-socjeta` konvenuta;

(2) fil-kaz tal-madum tat-tip indikat taht punt (ii) huwa ssuggerixxa li ghandu jinqala' biss dak il-madum bi sfumaturi differenti mill-bqija ta' madwaru, u, in segwitu, imhalleb u moghruk;

(3) konsidrat il-bilanc li ghad baqa' x' jithallas, l-atturi ghandhom jigu rifuzi s-somma ta' elf tliet mija u erbgha u disghin lira, tmienja u erbghin centezmu (Lm1394.48), b' dan ukoll li l-istess socjeta` konvenuta ghandha wkoll, a spejjez taghha, tnehhi u tirrimwovi l-materjal difettuz;

(4) bhala danni ghar-repristinar s-socjeta` konvenuta ghandha tkun kkundannata thallas is-somma ta' hames mitt lira (Lm500);

Meta gie ezaminat permezz ta' domandi bil-miktub posti lilu mid-difensur ta' l-atturi, il-perit sostna li l-ammont tad-danni likwidati minnu jinkorpora z-zieda fil-prezz tal-madum u tqeghid u kumpens ghall-inkonvenjent. Huwa mbaghad iddikjara b' osservazzjoni ghall-kwestjoni tar-repristinar tal-madum tat-tip PC6 illi ghandha tinghata opportunita` lis-socjeta` konvenuta tirrimedja x-xoghol difettuz, ben attiz illi sabiex tevita xoghol doppju hi tista' taqbad u tbiddel il-madum kollu ta' dan it-tip jekk tara li dan ikun aktar vantaggjuz;

B'Nota taghha a fol. 131 s-socjeta` konvenuta tikkritika l-konkluzjonijiet peritali fl-aspetti guridici taghhom. Hi tikkontendi illi l-azzjoni attrici hi wahda ghal hall ta' kuntratt ta' appalt minhabba allegata inadempjenza kontrattwali u, ghaldaqstant, f' kaz bhal dan japplikaw ir-rimedji prevvisti bl-Artikolu 1570 tal-Kodici Civili. Izzid telabora illi jibqa' dejjem mehtieg ghall-hall ta' kuntratt bhal dan u tal-konsegwenti talba ghad-danni illi d-difetti jridu jkunu ta' certa entita` u tali li jirrendu l-opra inadatta ghad-destinazzjoni mahsuba. Konsegwentement, tirraguna illi la fil-kaz tal-madum PC6 u dak tat-tip APSR imqieghed fit-tarag ma rrizultawx difetti sostanzjali, *ergo* t-talba ta' l-atturi kif proposta ma kellhiex, u ma ghandhiex, tintlaqa'.

Apparti dan, l-istess socjeta` konvenuta tissottometti wkoll illi gjaladarba l-provvista u t-tqeghid taz-zewg tipi ta' madum kienu konfluwiti fl-istess kuntratt uniku (Nru SDC 3362), il-perit tekniku ma kellux jissuggerixxi rimedji li bihom effettivament jispezzetta l-kuntratt. F' kull kaz, isostnu, l-atturi ma talbux ir-rimedju tar-rimpjazzjament fil-madum tat-tip PC6 u dan igib illi, jekk akkolta l-konkluzjoni peritali, id-decizjoni tkun *extra petita*;

Fit-twegiba taghhom permezz ta' Nota responsiva a fol. 142, l-atturi jirribattu illi l-inadempjenza hi ben vizibbli u d-difetti sostanzjali. Dan anke fir-rigward tal-madum PC6 billi minn dak li johrog mill-konsiderazzjonijiet tal-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu l-istess espert ma huwiex tant kunfidenti illi l-ezercizzju tar-rimpjazzament ta' dan l-istess tip ta' madum kien ser ikollu rizultat pozittiv. Jidher minn din is-sottomissjoni illi l-atturi qeghdin jikkollegaw ruhhom ghall-kumment fir-relazzjoni peritali (para. 13) fejn jinghad illi ciononostante r-rimpjazzament xorta wahda jibqghu differenzi fil-madum gdid imqieghed u dak ta' madwaru allura, f' din l-eventwalita`, "ghandu jinbidel imbaghad il-madum ta' l-ambjent kollu" a kura u spejjez tas-socjeta` konvenuta;

Premess dan kollu, l-inferenza li tohrog mill-accertamenti tal-perit tekniku hi dik li d-difetti riskontrati ghal liema jirreferi l-kuntratt ta' ftehim SDC 3362 tat-3 ta' April 1995 huma nsiti fil-madum u mhux fl-esekuzzjoni tat-tqeghid tieghu. Fil-presenza ta' din il-konstatazzjoni din il-Qorti mhix daqstant konvinta illi n-natura guridika tal-ftehim tivvesti l-karatteristici ta' kuntratt ta' appalt. Huwa veru li dan il-kuntratt jirreferi ghal konduzzjoni ta' prestazzjonijiet li jridu jsiru minn kuntrattur izda mieghu hemm abbinat skond skeda "A" tieghu il-materjal li kellu jintuza fl-ezekuzzjoni ta' dawk il-prestazzjonijiet. Materjal dan konsistenti f' madum ta' zewg tipi supplit mill-istess kuntrattur. Effettivament, il-kuntratt l-iehor tal-4 ta' Lulju 1995, riferibilment ghall-madum tat-tarag, huma dikjaratament wiehed ta' bejgh u mhux ta' appalt. L-istess socjeta` konvenuta tippremetti, u anke titlob, fil-kawza

taghha fl-ismijiet inversi l-hlas bilancjali tal-materjal supplit in primo luogo, u, sekondarjament, ghax-xoghol ta' tqeghid. F' sitwazzjoni bhal din il-Qorti ma tistax tinfatam mid-denominazzjoni li l-kontraenti joghgobhom jaghtu lill-ftehim ta' bejniethom imma ghandha thares lejn is-sustanza tieghu u fuq dak li jirrizultalha tapplika n-*nomen juris* u l-ligi. Ara **Kollez. Vol. XII pagna 348** u **Vol. XXXIII P I p 774**;

A propozitu, jinsab ritenut illi fil-kazijiet fejn il-prestazzjoni tikkonsisti kemm f' wahda "*di dare*" u "*di fare*", u allura kuntrattur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, imma anke jfornixxi l-materjal, dak l-appalt huwa affini ghall-bejgh. Ara "**George Vassallo -vs- Larence Fenech *et nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' April 1988 u "**Angelo Farrugia -vs- Louis Camilleri *et nomine***", Appell Kummercjali, 1 ta' Gunju 1993;

F' dan is-sens u direzzjoni tidher li hi wkoll il-kazistika tal-Qorti ta' Kassazzjoni fl-Italja. Hekk jinsab enuncjat illi "*il negozio misto che presenta i caratteri della compravendita e dell' appalto deve ritenersi assoggettato alla disciplina unitaria del contratto i cui elementi costitutivi debbano nella specie, considerarsi prevalenti. Ne consegue che, qualora l' obbligazione di fare (caratteristica dell' appalto) si accompagni a quella di dare (tipica della compravendita), la disciplina applicabile sara` quella della vendita se il lavoro (e cioe` il facere) rappresenta non gia lo scopo ultimo del negozio, ma soltanto il mezzo per il conseguimento della 'res'.*" (**Cass. 12 ta' April 1999 Nru. 3578**. Ara "**Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza**" kompilat minn Roberto Triola, Ed. Giuffre, 2002);

Kif taraha din il-Qorti, fil-kaz prezenti l-iskop essenzjali tal-ftehim mhux tant l-ezekuzzjoni tax-xoghol imma x-xiri u l-akkwist tal-madum ta' certu tip u kwalita`. Dan mhux tant indott mill-verifika oggettiva tar-raffront bejn il-valur tal-

materjal u l-valur tal-prestazzjoni tax-xoghlijiet, anke jekk dan mhux eskluz, imma pjuttost mill-volonta` tal-kontraenti. Hekk jirrizulta mill-Affidavit ta' l-attur Joseph Vella Brincat a fol. 29 illi n-negozju gie konkjuz ghab-bazi tas-*samples* tal-madum xelti minnu bl-objettiv tas-"*supply, laying and polishing of the recommended materials for floors and staircases*". Dawn it-tipi ta' madum hekk maghzula skond il-kampjuni jigu manifatturati mbaghad mis-socjeta` konvenuta fil-fabbrika taghha minn materjal importat minnha. Ara xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta prodott in subizzjoni (fol. 99). Jinghad fis-sentenza riportata a **Vol. XXXV P III p 639** illi "ghaldaqstant min ikollu hsieb li jakkwista haga li ghad trid tinhadem, l-operazzjoni hija ta' bejgh, ghax l-obbligazzjoni principali hi dik *di dare*";

Taht dan il-profil allura l-figura guridika li tohrog mill-kuntratti bejn il-partijiet mhijiex dik ta' appalt izda ta' bejgh, u allura l-materja trid tigi regolata bid-disposizzjonijiet rilevanti taht dan l-ahhar istitut;

Issa kif inhu ben risaput anke fil-kaz ta' bejgh biex ix-xerrej ikollu jedd ghall-hall tal-kuntratt id-difett riskontrat irid ikun ta' certa entita` u gravita`, "*la cui misura è determinata dalla legge in due criteri, l' uno obiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all' uso cui è destinata, oppure nella diminuzione di tale uso; l' altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quel vizio non avrebbe comprato la merce o al meno l' avrebbe acquistata a prezzo minore*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 981** u **Vol. XXVII P III p 454**);

Gja ntwera aktar 'il quddiem illi skond il-perit tekniku, ghal dak li jikkoncerna l-ewwel kuntratt ta' ftehim, id-difetti fil-madum tat-tip APSR huma sensibilment gravi. Mhux daqstant fil-kaz tal-madum l-iehor tat-tip PC6. Din il-Qorti ma tistax ma tissenjalax ir-rizervi taghha fir-rigward ta' l-osservazzjoni peritali fir-rigward tal-madum ta' dan l-ahhar

tip, anke ghaliex ir-relazzjoni peritali ma sserhiliex mohhha illi ankorke jigi rimpjazzat dak il-madum fejn jezistu l-isfumaturi l-qaghda ser tirriversa ruhha ghan-normalita` ta' dik il-bonta aspettata jew li b' hekk ser jigu eliminati ghal kollox id-differenzi li jistghu talvolta jibqghu jezistu fil-paragun mal-kumplament tal-madum ta' madwaru;

Issa huwa minnu illi, kif drabi ohra ntqal, il-"*giudizio dell' arte*" espress mill-perit tekniku ma tistax u m' ghandhiex tigi facilment skartata (ara **Kollez. Vol. LI P I p 390**). Maghdud dan hu wkoll ben rikonoxxut illi gjaladarba l-konsulenza teknika hi mezz istruttorju affidat ghall-apprezzament prudenzjali tal-Qorti, il-gudikant mhux vinkolat bid-deduzzjonijiet maghmula u jibqa' fil-kompitu tieghu li jigbed awtonomament il-konkluzjonijiet logici tieghu, kemm ta' fatt u ta' dritt, mill-istess perizja u mill-materjal probatorju akkwizit. Fir-rifless tad-dubbju li certament thalli l-perizja, dejjem, s' intendi, riferibilment fil-kaz tal-madum tat-tip PC6, akkoppjat mal-konsiderazzjoni illi d-diversi tentattivi ta' xoghlijiet rimedjali mis-socjeta` konvenuta ma taw fil-passat ebda ezitu pozittiv u accettabbli, din il-Qorti thoss li n-natura tad-difett f' dan it-tip ta' madum hi tali li tista', hi wkoll, f' dawn id-dati cirkustanzi tigi kwalifikata bhala serja u gravi;

Raggunta din il-konkluzjoni l-Qorti thoss li ghandha ssib raguni fit-talba ta' l-atturi ghar-rexxissjoni. Dan limitatament, pero` fil-kaz tal-kuntratt relattiv ghall-fornitura tal-madum ta' l-art fl-ewwel u t-tieni pjan u f' dawk l-ambjenti mahsuba bil-kuntratt ta' ftehim tat-3 ta' April 1995, u mhux ukoll fil-kaz tal-ftehim l-iehor ta' l-4 ta' Lulju 1995 relattiv ghall-madum tat-tarag, in kwantu hawn l-ebda difetti ma gew accertati li jezistu. Naturalment il-Qorti ma tistax titbieghed minn dak prevvist fl-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili, jigifieri "ir-radd tal-prezz" billi ghar-rizarciment tad-danni mitluba l-atturi htiegilhom jipprovaw illi s-socjeta` konvenuta kienet in mala fede [Artikolu 1429 (1), Kapitolu 16], u dan minn imkien mill-atti ma jirrizulta;

Jirrizulta mix-xhieda ta’ Jacqueline Chetcuti, impjegata bhala skrivana fl-Accounts Department tas-socjeta` konvenuta, illi fuq l-ewwel kuntratt ta’ ftehim l-atturi hallsu somma ta’ elfejn hames mija u hmistax-il lira (Lm2515) kwantu ghal tmien mija u tletin lira (Lm830) bhala depozitu u elf sitt mija u hamsa u tmenin lira (Lm1685) fil-25 ta’ Lulju 1995. Hi allura din is-somma li ghandha tintradd lura.

Ghall-motivi kollha premessi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi takkolji l-ewwel talba u b’ hekk tiddikjara li l-madum taz-zewg tipi suppliti mis-socjeta` konvenuta lill-atturi u mqieghed fil-fond taghhom fit-termini tal-kuntratt ta’ ftehim tat-3 ta’ April 1995 (SDC 3362) kien difettuz. Tichad pero` din l-istess talba in kwantu tikkoncerna l-fornitura tal-madum skond il-ftehim ta’ l-4 ta’ Lulju 1995. Konsegwentement tilqa’ t-tieni u t-tielet talbiet ta’ l-atturi u tordna r-rexxissjoni ta’ l-ewwel ftehim surreferit. Tilqa’ wkoll ir-raba’ talba billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrifondi lura lill-atturi l-ammont ta’ elfejn, hames mija u hmistax il-lira Maltija (Lm2515) minnhom imhallas fuq dak il-ftehim kif fuq spjegat, kompriz l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (24 ta’ Mejju 1996) b’ dan illi, jekk inhu possibbli, is-socjeta` konvenuta tiehu lura l-materjal minnha supplit. Finalment tichad il-hames u s-sitt talbiet. Salv ghal dawn l-ahhar talbiet li l-ispejjez dwarhom jibqghu a karigu ta’ l-atturi, l-ispejjez gudizzjarji tat-talbiet l-ohra jibqghu sopportabbli mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------